Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 392

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 61

29 ta' Ottubru 2018

Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

2018/C 392/01 L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* . . . 1

V *Avviżi*

PROĊEDURI TAL-QORTI

Il-Qorti tal-Ġustizzja

2018/C 392/02 Kawża C-150/18 P: Appell ippreżentat fil-21 ta' Frar 2018 minn El Corte Inglés SA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fil-5 ta' Diċembru 2017 fil-Kawża T-212/16 – El Corte Inglés vs EUIPO . . . 2

2018/C 392/03 Kawża C-151/18 P: Appell ippreżentat fil-21 ta' Frar 2018 minn El Corte Inglés SA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fil-5 ta' Diċembru 2017 fil-Kawża T-213/16 – El Corte Inglés vs EUIPO . . . 2

2018/C 392/04 Kawża C-246/18 P: Appell ippreżentat fis-6 ta' April 2018 minn Dochirnie pidpryiemstvo Kondyterska korporatsiia "Roshen" mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fis-7 ta' Frar 2018 fil-Kawża T-775/16 – Kondyterska korporatsiia "Roshen" vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea . . . 3

2018/C 392/05 Kawża C-248/18: Appell ippreżentat fl-10 ta' April 2018 minn Moscow Confectionery Factory "Krasnyiy oktyabr" OAO mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fis-7 ta' Frar 2018 fil-Kawża T-795/16 – Krasnyiy oktyabr vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea . . 3

MT

2018/C 392/06 Kawża C-449/18 P: Appell ippreżentat fis-6 ta' Lulju 2018 mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fis-26 ta' April 2018 fil-Kawża T-554/14 – Messi Cuccittini vs EUIPO – J.M.-E.V. e hijos 3

2018/C 392/07 Kawża C-464/18: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Mercantil de Gerona (Spanja) fis-17 ta' Lulju 2018 – ZX vs Ryanair DAC 4

2018/C 392/08 Kawża C-474/18: Appell ippreżentat fid-19 ta' Lulju 2018 minn J-M.-E.V. e hijos, S.R.L. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fis-26 ta' April 2018 fil-Kawża T-554/14 – Messi Cuccittini vs EUIPO – J-M.-E.V. e hijos 5

2018/C 392/09 Kawża C-488/18: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fil-25 ta' Lulju 2018 – Finanzamt Kaufbeuren mit Außenstelle Füssen vs Golfclub Schloss Igling e.V. . . 6

2018/C 392/10 Kawża C-511/18: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza) fit-3 ta' Awwissu 2018 – La Quadrature du Net, French Data Network, Fédération des fournisseurs d'accès à Internet associatifs, Igwan.net vs Premier ministre, Garde des Sceaux, Ministre de la Justice, Ministre de l'Intérieur, Ministre des Armées 7

2018/C 392/11 Kawża C-512/18: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza) fit-3 ta' Awwissu 2018 – French Data Network, La Quadrature du Net, Fédération des fournisseurs d'accès à Internet associatifs vs Premier ministre, Garde des Sceaux, ministre de la Justice 7

2018/C 392/12 Kawża C-518/18: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Okresní soud v Českých Budějovicích (ir-Repubblika Ċeka) fis-7 ta' Awwissu 2018 – RD vs SC 8

2018/C 392/13 Kawża C-524/18: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fl-10 ta' Awwissu 2018 – Dr. Willmar Schwabe GmbH & Co.KG vs Queisser Pharma GmbH & Co. KG 9

2018/C 392/14 Kawża C-538/18 P: Appell ippreżentat fis-16 ta' Awwissu 2018 minn České dráhy a.s. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fl-20 ta' Ġunju 2018 fil-Kawża T-325/16, České dráhy vs Il-Kummissjoni 9

2018/C 392/15 Kawża C-539/18 P: Appell ippreżentat fis-16 ta' Awwissu 2018 minn České dráhy a.s. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fl-20 ta' Ġunju 2018 fil-Kawża T-621/16, České dráhy vs Il-Kummissjoni 11

Il-Qorti Ġenerali

2018/C 392/16 Kawża T-715/14: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – Rosneft *et* vs Il-Kunsill ("Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina — Obbligu ta' motivazzjoni — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Drittijiet tad-difiża u dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Ftehim ta' sħubija u ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Russja — Dritt għall-proprjetà — Ugwaljanza fit-trattament — Proporzjonalità — Użu ħażin ta' poter — Ċertezza legali") 13

2018/C 392/17 Kawża T-732/14: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – Sberbank of Russia vs Il-Kunsill ("Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi fir-rigward tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina — Inklużjoni u sussegwentement żamma tal-isem tar-rikorrenti fil-lista ta' entitajiet li fir-rigward tagħhom japplikaw miżuri restrittivi — Żball ta' evalwazzjoni — Obbligu ta' motivazzjoni — Drittijiet tad-difiża — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Dritt għall-proprjetà — Dritt għall-eżerċizzju ta' attività ekonomika") 14

2018/C 392/18 Kawża T-734/14: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – VTB Bank vs Il-Kunsill ("Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina — Inklużjoni u sussegwentement żamma ta' isem ir-rikorrenti fil-lista tal-entitajiet li għalihom japplikaw miżuri restrittivi — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Obbligu ta' motivazzjoni — Drittijiet tad-difiża — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Dritt għall-proprjetà — Dritt għall-eżerċizzju ta' attività ekonomika") 15

2018/C 392/19 Kawżi T-735/14 u T-799/14: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – Gazprom Neft vs Il-Kunsill ("Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina — Inklużjoni u, sussegwentement, żamma ta' isem ir-rikorrenti fil-lista tal-entitajiet li għalihom japplikaw miżuri restrittivi — Obbligu ta' motivazzjoni — Bażi legali — Ftehim ta' sħubija u ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Russja — Dritt għall-proprjetà — Dritt għall-eżerċizzju ta' attività ekonomika — Proporzjonalità") . 16

2018/C 392/20 Kawża T-737/14: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – Vnesheconombank vs Il-Kunsill ("Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina — Inklużjoni ta' isem ir-rikorrenti fil-lista tal-entitajiet li għalihom japplikaw miżuri restrittivi — Obbligu ta' motivazzjoni — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Użu ħażin ta' poter — Dritt għall-proprjetà — Libertà ta' intrapriża — Ugwaljanza fit-trattament") 17

2018/C 392/21 Kawża T-739/14: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – PSC Prominvestbank vs Il-Kunsill ("Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina — Inklużjoni, ta' isem l-entità li minnha r-rikorrenti hija miżmuma, fil-lista tal-entitajiet li għalihom japplikaw miżuri restrittivi — Obbligu ta' motivazzjoni — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Użu ħażin ta' poter — Dritt għall-proprjetà — Libertà ta' intrapriża — Ugwaljanza fit-trattament") 18

2018/C 392/22 Kawża T-798/14: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – DenizBank vs Il-Kunsill ("Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi fir-rigward tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina — Inklużjoni tal-isem tal-entità li għandha l-kontroll tar-rikorrenti fil-lista ta' entitajiet li fir-rigward tagħhom japplikaw miżuri restrittivi — Obbligu ta' motivazzjoni — Drittijiet tad-difiża — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija — Drittijiet Fundamentali — Proporzjonalità") 19

2018/C 392/23 Kawża T-68/15: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Settembru 2018 – HH Ferries *et* vs Il-Kummissjoni "Għajnuna mill-Istat — Għajnuna favur il-konnessjoni fissa bil-ferrovija u bit-triq tas-Sund — Finanzjament pubbliku mogħti mill-Istat Svediż u mill-Istat Daniż għall-proġett infrastrutturali ta' konnessjoni fissa li tittraversa s-Sund — Garanziji statali — Għajnuna fiskali — Deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet — Deċiżjoni li tikkonstata l-assenza ta' għajnuna mill-Istat — Rikors għal annullament — Att li jista' jiġi kkontestat — Ammissibbiltà — Nuqqas ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali — Diffikultajiet serji — Kunċett ta' skema ta' għajnuna — Għajnuna intiża sabiex tippromwovi t-twettiq ta' proġett kbir ta' interess Ewropew komuni — Evalwazzjoni tal-element tal-għajnuna f'garanzija — Natura limitata tal-għajnuna f'garanzija — Proporzjonalità — Aspettattivi leġittimi" 20

2018/C 392/24 Kawża T-515/15: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – Almaz-Antey vs Il-Kunsill ("Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina — Żamma ta' isem ir-rikorrenti fuq il-lista tal-entitajiet li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi — Proporzjonalità — Żball ta' evalwazzjoni — Obbligu ta' motivazzjoni — Drittijiet fundamentali") 21

2018/C 392/25 Kawża T-627/16: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni ("FAEG — Infiq eskluż mill-finanzjament — Infiq magħmul mir-Repubblika Ċeka — Għajnuna diretta ddiżakkoppjata — Stħarriġ b'telerilevament — Settur tal-inbid — Kundizzjonalità — Ripetizzjoni ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità") 21

2018/C 392/26 Kawża T-702/16 P: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Settembru 2018 – Barroso Truta *et* vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("Appell — Serviz pubbliku — Membri tal-persunal bil-kuntratt — Pensjonijiet — Transferiment lejn l-iskema ta' pensjoni tal-Unjoni ta' drittijiet għal pensjoni miksuba qabel fuq il-bażi tal-iskemi nazzjonali — Dannu li jirriżulta mill-informazzjoni allegatament insuffiċjenti pprovduta lir-rikorrenti mill-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti fit-trażmessjoni ta' proposti ta' akkreditazzjoni tas-snin ta' servizz li jikkonċernawhom — Ċaħda ta-rikors għad-danni fl-ewwel istanza — Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal — Dannu materjali") 22

2018/C 392/27 Kawża T-61/17: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Settembru 2018 – Selimovic vs Il-Parlament ("Dritt istituzzjonali — Parlament Ewropew — Fastidju morali — Deċiżjoni tal-President tal-Parlament li tippronunzja s-sanzjoni ta' ċanfira kontra deputat Ewropew — Artikolu 166 tar-Regoli interni tal-Parlament — Dritt għal amministrazzjoni tajba — Dritt ta' aċċess għall-fajl — Obbligu ta' motivazzjoni — Ċertezza legali — Abbuż ta' poter — Responsabbiltà mhux kuntrattwali") 23

2018/C 392/28 Kawża T-73/17: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Settembru 2018 – RS vs Il-Kummissjoni ("Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Reklutaġġ — Kompetizzjoni interna — Tfassil ta' lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' assistenti — Kundizzjoni għall-ammissjoni relatata mar-rekwiżit ta' attività mingħajr interruzzjoni matul it-tnax-il xahar qabel l-għeluq tat-terminu għall-preżentata tal-kandidaturi — Leave għal raġunijiet personali — Nuqqas ta' ammissjoni għal parteċipazzjoni fl-eżamijiet ta' kompetizzjoni") 24

2018/C 392/29 Kawża T-79/17: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Settembru 2018 – Schoonjans vs Il-Kummissjoni ("Servizz pubbliku — Membri tal-persunal bil-kuntratt — Reklutaġġ — Kompetizzjoni interna — Tfassil ta' lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' assistenti — Kundizzjoni għall-ammissjoni relatata mal-grupp ta' funzjonijiet li fih il-kandidat huwa kklassifikat fil-jum tal-għeluq tat-terminu għall-preżentata ta' kandidaturi — Nuqqas ta' ammissjoni għal parteċipazzjoni fl-eżamijiet ta' kompetizzjoni") 24

2018/C 392/30 Kawża T-93/17: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Settembru 2018 – Duferco Long Products vs Il-Kummissjoni ("Għajnuna mill-Istat — Settur tal-azzar — Għajnuna mogħtija mill-Belġju lil diversi impriżi tas-settur tal-azzar — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħha — Obbligu ta' motivazzjoni — Kunċett ta' għajnuna mill-Istat — Vantaġġ — Kriterju tal-investitur privat") 25

2018/C 392/31 Kawża T-94/17: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – ACTC vs EUIPO – Taiga (tigha) ("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark verbali Ewropea tigha — Trade mark verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea TAIGA — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001] — Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 47(2) u (3) tar-Regolament Nru 2017/1001] — Prova tal-użu ġenwin tat-trade mark preċedenti") 26

2018/C 392/32 Kawża T-104/17: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – Apple vs EUIPO – Apo International (apo) ("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea apo — Trade marks figurattivi preċedenti tal-Unjoni Ewropea li jirrappreżentaw tuffieħa u trade marks verbali preċedenti APPLE — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) u Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li saru l-Artikolu 8(1)(b) u l-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001)") . . 26

2018/C 392/33 Kawża T-184/17: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – Leifheit vs EUIPO (Pożizzjoni ta' erba' kwadri ħodor fuq miżien) ("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea li tikkonsisti f'erba' kwadri ħodor fuq miżien — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)") 27

2018/C 392/34 Kawża T-418/17: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – Eduard Meier vs EUIPO – Calzaturificio Elisabet (Safari Club) ("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Safari Club — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti WS Walk Safari — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001)") 28

2018/C 392/35 Kawża T-652/17: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Settembru 2018 – Eddy's Snack Company vs EUIPO – Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli (Eddy's Snackcompany) ("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali Eddy's Snackcompany — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti TEDDY — Raġuni relattiva għal rifjut — Prinċipju ne ultra petita — Artikolu 76(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 95(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament 2017/1001)") 28

2018/C 392/36 Kawża T-664/16: Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Mejju 2018 – PJ vs EUIPO – Erdmann & Rossi (Erdmann & Rossi) ("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Rappreżentazzjoni minn avukat li ma għandux il-kwalità ta' terz indipendenti mir-rikorrent — Sostituzzjoni ta' parti fil-kawża — Trasferiment tad-drittijiet tal-applikant għal trade mark tal-Unjoni Ewropea — Rappreżentazzjoni minn avukat li ma għandux il-kwalità ta' terz indipendenti mill-applikant fis-sostituzzjoni ta' parti — Inammissibbiltà") 29

2018/C 392/37 Kawża T-750/17: Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Lulju 2018 – Izba Gospodarcza Producentów i Operatorów Urządzeń Rozrywkowych vs Il-Kummissjoni ("Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Talba ta' aċċess għal osservazzjonijiet tal-Kummissjoni u għal opinjoni ddettaljata ta' Stat Membru fil-kuntest ta' proċedura ta' notifika skont id-Direttiva (UE) 2015/1535 — Rifjut ta' aċċess — Żvelar wara l-preżentata tar-rikors — Tmiem tas-suġġett tat-tilwima — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni") 30

2018/C 392/38 Kawża T-401/18 R: Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Lulju 2018 – SFIE-PE vs Il-Parlament ("Proċeduri għal miżuri provviżorji — Dritt istituzzjonali — Strajk tal-interpreti — Miżuri adottati mill-Parlament Ewropew li jordnaw lill-interpreti bi strajk jipprovdu servizzi minimi — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Talba għal miżuri provviżorji — Inammissibbiltà parzjali — Ibbilanċjar tal-interessi") 31

2018/C 392/39 Kawża T-402/18 R: Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Lulju 2018 – Aquino *et al* vs Il-Parlament ("Proċeduri għal miżuri provviżorji — Dritt istituzzjonali — Strajk tal-interpreti — Miżuri ta' rekwiżizzjoni tal-interpreti adottati mill-Parlament Ewropew — Talba għal sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Talba għal miżuri provviżorji — Inammissibbiltà parzjali — Ibbilanċjar tal-interessi") 31

2018/C 392/40 Kawża T-507/18: Rikors ippreżentat fl-24 ta' Awwissu 2018 – Franza vs Il-Kummissjoni 32

2018/C 392/41 Kawża T-520/18: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Awwissu 2018 – BGC Partners vs EUIPO – Bankgirocentralen BGC (BGC PARTNERS) 33

2018/C 392/42 Kawża T-521/18: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Awwissu 2018 – BGC Partners v EUIPO – Bankgirocentralen BGC (BGC BROKERAGE) 34

2018/C 392/43 Kawża T-522/18: Rikors ippreżentat fit-28 ta' Awwissu 2018 – BGC Partners vs EUIPO – Bankgirocentralen BGC (AUREL BGC) 35

2018/C 392/44 Kawża T-523/18: Rikors ippreżentat fit-3 ta Settembru 2018 – BGC Partners vs EUIPO – Bankgirocentralen BGC (BGCPRO) 36

2018/C 392/45 Kawża T-532/18: Rikors ippreżentat fl-10 ta' Settembru 2018 – Aroma Essence vs EUIPO – Refan Bulgaria (Sponoż tal-Ħasil) 37

2018/C 392/46 Kawża T-534/18: Rikors ippreżentat fis-7 ta' Settembru 2018 – Peek & Cloppenburg vs EUIPO – Peek & Cloppenburg (Peek) 38

2018/C 392/47 Kawża T-535/18: Rikors ippreżentat fis-7 ta' Settembru 2018 – Peek & Cloppenburg vs EUIPO – Peek & Cloppenburg (Peek's) 39

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

(2018/C 392/01)

L-aħħar pubblikazzjoni

ĠU C 381, 22.10.2018

Pubblikazzjonijiet preċedenti

ĠU C 373, 15.10.2018

ĠU C 364, 8.10.2018

ĠU C 352, 1.10.2018

ĠU C 341, 24.9.2018

ĠU C 328, 17.9.2018

ĠU C 319, 10.9.2018

Dawn it-testi huma disponibbli fuq:

EUR-Lex: http://eur-lex.europa.eu

V

(Avviżi)

PROĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Appell ippreżentat fil-21 ta' Frar 2018 minn El Corte Inglés SA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fil-5 ta' Diċembru 2017 fil-Kawża T-212/16 – El Corte Inglés vs EUIPO

(Kawża C-150/18 P)

(2018/C 392/02)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: El Corte Inglés SA (rappreżentant: J.L. Rivas Zurdo, abogado)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, Elho Business & Sport Vertriebs GmbH

Permezz ta' digriet tas-6 ta' Settembru 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) iddeċidiet li l-appell huwa inammissibbli.

Appell ippreżentat fil-21 ta' Frar 2018 minn El Corte Inglés SA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fil-5 ta' Diċembru 2017 fil-Kawża T-213/16 – El Corte Inglés vs EUIPO

(Kawża C-151/18 P)

(2018/C 392/03)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: El Corte Inglés SA (rappreżentant: J.L. Rivas Zurdo, abogado)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, Elho Business & Sport Vertriebs GmbH

Permezz ta' digriet tas-6 ta' Settembru 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) iddeċidiet li l-appell huwa inammissibbli.

Appell ippreżentat fis-6 ta' April 2018 minn Dochirnie pidpryiemstvo Kondyterska korporatsiia "Roshen" mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fis-7 ta' Frar 2018 fil-Kawża T-775/16 – Kondyterska korporatsiia "Roshen" vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-246/18 P)

(2018/C 392/04)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Dochirnie pidpryiemstvo Kondyterska korporatsiia "Roshen" (rappreżentanti: R. Žabolienė, advokatė, I. Lukauskienė, advokatė)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, Moscow Confectionery Factory "Krasnyiy oktyabr" OAO

Permezz ta' digriet tas-6 ta' Settembru 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) ddeċidiet li l-appell kien inammissibbli.

Appell ippreżentat fl-10 ta' April 2018 minn Moscow Confectionery Factory "Krasnyiy oktyabr" OAO mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fis-7 ta' Frar 2018 fil-Kawża T-795/16 – Krasnyiy oktyabr vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-248/18)

(2018/C 392/05)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Moscow Confectionery Factory "Krasnyiy oktyabr" OAO (rappreżentanti: O. Spuhler, M. Geitz, Rechtsanwälte, J. Stock, Rechtsanwältin)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, Dochirnie pidpryiemstvo Kondyterska korporatsiia "Roshen"

Permezz ta' digriet tal-11 ta' Settembru 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) ddeċidiet li l-appell kien inammissibbli.

Appell ippreżentat fis-6 ta' Lulju 2018 mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fis-26 ta' April 2018 fil-Kawża T-554/14 – Messi Cuccittini vs EUIPO – J.M.-E.V. e hijos

(Kawża C-449/18 P)

(2018/C 392/06)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Appellant: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Palmero Cabezas, aġent)

Partijiet oħra fil-proċedura: Lionel Andrés Messi Cuccittini u J.M.-E.V. e hijos, S.R.L.

Talbiet

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tikkundanna għall-ispejjeż lir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġeneral.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-EUIPO jikkunsidra li s-sentenza appellata għandha tiġi annullata sa fejn il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament dwar it-trade marks tal-Unjoni Ewropea, għar-raġunijiet li ġejjin:

— Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta eżaminat ix-xebh kunċettwali tas-sinjali, peress li tieħu inkunsiderazzjoni biss il-perċezzjoni ta' parti sinjifikattiva tal-pubbliku rilevanti u ma stabbilixxietx ir-rilevanza tal-kumplament tal-pubbliku rilevanti, li għalihom id-differenza kunċettwali tat-trade marks ma tistax tagħmel tajjeb għax-xebh viżiv jew fonetiku tagħhom.

— Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta eskludiet li hemm probabbiltà ta' konfużjoni abbażi tal-perċezzjoni kunċettwali li "parti sinjfikattiv" tal-pubbliku għandu tat-trade marks kunfliġġenti, minflok ma evalwat jekk hemmx tali probabbiltà ta' konfużjoni f'parti mhux insinjifikattiva tal-pubbliku rilevanti, kif rikjest mill-ġurispduenza.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Mercantil de Gerona (Spanja) fis-17 ta' Lulju 2018 – ZX vs Ryanair DAC

(Kawża C-464/18)

(2018/C 392/07)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado de lo Mercantil de Gerona

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: ZX

Konvenuta: Ryanair DAC

Domandi preliminari

1) Il-kunċett ta' qorti ddeterminata permezz ta' proroga taċita prevista u rregolata mill-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 ([1]) jeżiġi, fl-aspetti kollha tiegħu, interpretazzjoni awtonoma u komuni għall-Istati Membri kollha u li, għaldaqstant, ma jistax tkun ikkundizzjonat mil-limitazzjonijiet li jistabbilixxu r-regoli ta' ġurisdizzjoni interna tal-Istati Membri?

2) Il-kunċett ta' qorti ddeterminata permezz ta' proroga taċita prevista u rregolata mill-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 huwa regola ta' ġurisdizzjoni internazzjonali "pura", li jiddetermina esklużivament il-qrati ta' Stat Membru iżda mbgħad huwa d-dritt proċedurali ta' dan l-istess Stat li għandu jirregola l-qorti kompetenti fit-territorju jew, għall-kuntrarju, huwa regola ta' ġurisdizzjoni kemm internazzjonali kif ukoll territorjali?

3) Sitwazzjoni li tinvolvi titjira operata minn kumpannija tal-ajru ddomiċiljata fi Stat Membru ieħor iżda bi tluq jew nżul fi Stat Membru fejn din għandha fergħa li tipprovdi servizzi awżiljarji għall-kumpannija u li l-biljetti ma nxtrawx permezz tagħha, tista', skont iċ-ċirkustanzi tal-każ, tikkostitwixxi tilwima dwar l-operat ta' fergħa, aġenzija jew kwalunkwe stabbiliment ieħor li jiġġustifika l-kriterju ta' konnessjoni għall-ġurisdizzjoni stabbilit fl-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012?

([1]) Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1).

Appell ippreżentat fid-19 ta' Lulju 2018 minn J-M.-E.V. e hijos, S.R.L. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fis-26 ta' April 2018 fil-Kawża T-554/14 – Messi Cuccittini vs EUIPO – J-M.-E.V. e hijos

(Kawża C-474/18)

(2018/C 392/08)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Appellanti: J-M.-E.V. e hijos, S.R.L. (rappreżentanti: J. Güell Serra u R. Gimeno-Bayón Cobos, abogados)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea u Lionel Messi Cuccittini

Talbiet

L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla kompletament is-sentenza tas-26 ta' April 2018 fil-Kawża T-554/14 ([1]) u, konsegwentement

— taqta' b'mod definittiv it-tilwima, jekk l-istat tal-proċeduri jippermetti dan, jew

— tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tal-aħħar tagħti deċiżjoni skont il-kriterji vinkolanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, u

— tikkundanna lil Lionel Messi Cuccittini jbati l-ispejjeż.

Aggravji u argumenti prinċipali

Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-EUIPO li kienet irrifjutat it-trade mark "MESSI" għal probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti "MASSI" peress li kkunsidrat li, minkejja li t-trade marks "MASSI" u "MESSI" huma viżwalment u fonetikament simili u jirreferu għall-istess prodotti, il-Bord tal-Appell kien wettaq żball peress li d-differenzi kunċettwali bejn it-trade marks jevitaw kwalunkwe probabbiltà ta' konfużjoni.

Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali twettaq erba' żbalji ta' liġi, u għalhekk l-appell huwa bbażat fuq erba' aggravji:

1. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tosserva li kieku l-Bord tal-Appell ħa inkunsiderazzjoni r-reputazzjoni tal-appellanti, kien jikkonkludi li fil-livell kunċettwali l-kelma "messi" hija b'mod ċar differenti mill-kellma "massi". Kuntrarjament għal dak li tgħid is-sentenza appellata, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali stabbilixxiet ripetutament li r-reputazzjoni possibbli tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni hija irrilevanti għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni ma' trade mark preċedenti, skont l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea.

2. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ukoll meta kkonstatat li r-reputazzjoni tal-kunjom tal-applikant kien fatt magħruf li, anki jekk ma ġietx prodotta prova ta' dan, u lanqas ma dan ġie allegat mill-istess Lionel Messi quddiem il-Bord tal-Appell, kellu jittieħed inkunsiderazzjoni mill-Bord tal-Appell peress li huwa fatt li kwalunkwe persuna jista' jafu jew jista' jsir magħruf minn sorsi ġeneralment aċċessibbli. Il-grad ta' għarfien tal-kunjom tal-applikant fl-Ewropa fil-mument tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni (12/06/2017) ma huwiex kwistjoni li tista' tiġi preżunta fl-2018, b'mod partikoalri meta la kien imqajjem quddiem il-Bord tal-Appell u lanqas sostnut b'xi prova.

3. F'dan il-każ kien hemm *mutatio libelli* li jiċħad rimedji legali, peress li l-Qorti Ġenerali ppermettiet motiv ġdid u differenti li ma kienx tqajjem quddiem il-Bord tal-Appell: l-"effett kunċettwali distintiv MESSI".

4. Is-sentenza applikat ħażin is-sentenza PICARO/PICASSO peress li (i) fil-kawża PICASSO/PICARO it-trade mark magħrufa kienet it-trade mark tal-opponent "PICASSO", filwaqt li f'dan il-każ it-trade mark allegatament magħrufa hija t-trade mark li għalija saret applikazzjoni u (ii) dik is-sentenza kienet tirrigwarda l-prodotti fejn il-grad ta' attenzjoni tal-konsumatur medju, fil-mument tax-xiri, huwa partikolarment għoli, filwaqt li dan il-każ jirirgwarda l-prodotti ddestinati għall-konsumatur medju fl-Unjoni Ewropea li huwa normalment informat u raġonevolment attent u perspikaċi.

(1) ECLI:EU:T:2018:230.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fil-25 ta' Lulju 2018 – Finanzamt Kaufbeuren mit Außenstelle Füssen vs Golfclub Schloss Igling e.V.

(Kawża C-488/18)

(2018/C 392/09)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzhof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Finanzamt Kaufbeuren mit Außenstelle Füssen

Konvenuta: Golfclub Schloss Igling e.V.

Domandi preliminari

1) L-Artikolu 132(1)(m) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (1), li jgħid li "[l]-provvista ta' ċertu servizzi marbuta mill-qrib ma' sport u edukazzjoni fiżika minn organizzazzjoniet li ma jagħmlux profitt [organi mingħajr skop ta' lukru] lill persuni li jieħdu parti fl-isport jew fl-edukazzjoni fiżika", għandu effett dirett, sabiex fl-assenza ta' traspożizzjoni organi mingħajr skop ta' lukru jkunu jistgħu jinvokawh direttament?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda: "organu mingħajr skop ta' lukru" fis-sens tal-Artikolu 132(1)(m) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud jirreferi

— għal kunċett li għandu jiġi interpretat b'mod awtonomu mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni jew

— l-Istati Membri għandhom id-dritt jissuġġettaw l-eżistenza ta' tali organu għall-osservanza ta' kundizzjonijiet bħal dawk stabbiliti fl-Artikolu 52, flimkien mal-Artikolu 55, tal-Abgabenordnung (il-Kodiċi tat-Taxxa) (jew l-Artikoli 51 *et seq.* tal-Kodiċi tat-Taxxa fl-intier tagħhom)?

3) Fil-każ ta' kunċett li għandu jiġi interpretat b'mod awtonomu mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni: organu mingħajr skop ta' lukru fis-sens tal-Artikolu 132(1)(m) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud huwa meħtieġ li jadotta dispożizzjonijiet li jobbligawh, fil-każ ta' xoljiment, jittrasferixxi l-assi disponibbli għalih lil organu ieħor mingħajr skop ta' lukru li jippromwovi l-isport u l-edukazzjoni fiżika?

(1) ĠU 2006, L 347, p. 1 u rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza) fit-3 ta' Awwissu 2018 – La Quadrature du Net, French Data Network, Fédération des fournisseurs d'accès à Internet associatifs, Igwan.net vs Premier ministre, Garde des Sceaux, Ministre de la Justice, Ministre de l'Intérieur, Ministre des Armées

(Kawża C-511/18)

(2018/C 392/10)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: La Quadrature du Net, French Data Network, Fédération des fournisseurs d'accès à Internet associatifs, Igwan.net

Konvenuti: Premier ministre, Garde des Sceaux, Ministre de la Justice, Ministre de l'Intérieur, Ministre des Armées

Domandi preliminari

1) L-obbligu ġeneralizzat u mingħajr distinzjoni ta' żamma, impost fuq il-forniturі abbażi tad-dispożizzjonijiet permissivi tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva [2002/58/KE] tat-12 ta' Lulju 2002 ([1]), għandu jitqies, f'kuntest ikkaratterizzat minn theddid gravi u persistenti għas-sigurtà nazzjonali, u b'mod partikolari mir-risku ta' terroriżmu, bħala indħil iġġustifikat abbażi tad-dritt għas-siġurtà iggarantit fl-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u abbażi tar-rekwiżiti ta' sigurtà nazzjonali li jaqgħu esklużivament taħt il-kompetenza tal-Istati Membri abbażi tal-Artikolu 4 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea?

2) Id-Direttiva tat-12 ta' Lulju 2002, moqrija fid-dawl tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandha tiġi interpretata fis-sens li tawtorizza miżuri leġiżlattivi, bħal miżuri ta' ġbir f'ħin reali tad-data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni ta' individwi speċifiċi, li, filwaqt li jaffettwaw id-drittijiet u l-obbligi ta' forniturі ta' servizz ta' telekomunikazzjonijiet elettroniċi, ma jimponulhomx, madankollu, obbligu speċifiku ta' żamma tad-data tagħhom?

3) Id-Direttiva tat-12 ta' Lulju 2002, moqrija fid-dawl tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandha tiġi interpretata fis-sens li hija tissuġġetta, f'kull każ, ir-regolarità tal-proċeduri ta' ġbir ta' data ta' konnessjoni għar-rekwiżit li l-persuni kkonċernati jiġu informati meta tali informazzjoni ma tkunx iktar ta' natura li tikkomprometti l-investigazzjonijiet immexxija mill-awtoritajiet kompetenti, jew inkella tali proċeduri jistgħu jitqiesu li huma regolari fid-dawl tal-garanziji proċedurali l-oħra kollha li jeżistu, peress li dawn tal-aħħar jiggarantixxu l-effettività ta' dritt għal rimedju?

([1]) Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514)

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza) fit-3 ta' Awwissu 2018 – French Data Network, La Quadrature du Net, Fédération des fournisseurs d'accès à Internet associatifs vs Premier ministre, Garde des Sceaux, ministre de la Justice

(Kawża C-512/18)

(2018/C 392/11)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: French Data Network, La Quadrature du Net, Fédération des fournisseurs d'accès à Internet associatifs

Konvenuti: Premier ministre, Garde des Sceaux, ministre de la Justice

Domandi preliminari

1) L-obbligu ta' żamma ġġeneralizzata u indifferenzjata, impost lill-forniturі fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet permissivi tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva [2002/58/KE] tat-12 ta' Lulju 2002 ([1]), għandu jitqies, b'mod partikolari fid-dawl tal-garanziji u kontrolli sussegwentement inerenti fil-ġabra u fl-użu ta' din id-data ta' konnessjoni, bħala indħil iġġustifikat mid-dritt għas-sigurtà ggarantit fl-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u r-rekwiżiti tas-sigurtà nazzjonali, li r-responsabbiltà għalihom taqa' biss fuq l-Istati Membri bis-saħħa tal-Artikolu 4 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea?

2) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva [2000/31/KE] tat-8 ta' Ġunju 2000 ([2]), moqrija fid-dawl tal-Artikoli 6, 7, 8 u 11 kif ukoll tal-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jippermettu lil Stat Membru jintroduċi leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi lill-persuni li l-attività tagħhom tikkonsisti fl-offerta ta' aċċess għal servizzi ta' komunikazzjoni lill-pubbliku online u lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jiżguraw, anki gratwitament, billi jqiegħdu servizzi ta' komunikazzjoni lill-pubbliku online għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, il-ħażna ta' sinjali, ta' kitbiet, ta' immaġini, ta' ħsejjes jew ta' messaġġi ta' kull natura pprovduti minn destinatarji ta' dawn is-servizzi, iż-żamma tad-data b'mod li jkun jista' jiġi identifikat kull min ikkontribwixxa għall-ħolqien tal-kontenut jew ta' wieħed mill-kontenuti tas-servizzi pprovduti minnhom, sabiex l-awtorità ġudizzjarja tkun tista', jekk ikun il-każ, tirrikorri għall-komunikazzjoni ta' din id-data bil-għan li tiżgura l-osservanza tar-regoli relatati mar-responsabbiltà ċivili jew kriminali?

([1]) Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika(Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514).

([2]) Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Okresní soud v Českých Budějovicích (ir-Repubblika Ċeka) fis-7 ta' Awwissu 2018 – RD vs SC

(Kawża C-518/18)

(2018/C 392/12)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Qorti tar-rinviju

Okresní soud v Českých Budějovicích

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: RD

Konvenut: SC

Domanda preliminari

L-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar [titolu eżekuttiv Ewropew] għal talbiet mhux kontestati ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li talba li fir-rigward tagħha ngħatat deċiżjoni wara l-produzzjoni ta' provi tista' titqies li ma hijiex ikkontestata f'sitwazzjoni fejn la l-konvenut, li jkun irrikonoxxa d-dejn qabel infetħu l-proċeduri, u la t-tutur ma jkunu ppartecipaw fil-proċeduri quddiem il-qorti u fejn it-tnejn li huma ma jkunux qajmu oġġezzjonijiet matul dawn il-proċeduri?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 38.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fl-10 ta' Awwissu 2018 – Dr. Willmar Schwabe GmbH & Co.KG vs Queisser Pharma GmbH & Co. KG

(Kawża C-524/18)

(2018/C 392/13)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Dr. Willmar Schwabe GmbH & Co. KG

Konvenuta: Queisser Pharma GmbH & Co. KG

Domandi preliminari

1) Fis-sens tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1924/2006 ([1]), referenza għall-benefiċċji ġenerali, mhux speċifiċi, għall-istat tas-saħħa hija diġà "akkumpanjata" b'allegazzjonijiet ta' saħħa speċifiċi, b'mod konformi mal-listi previsti fl-Artikolu 13 jew 14 tal-imsemmi regolament, meta din ir-referenza tkun tinsab fuq in-naħa ta' quddiem ta' imballaġġ u l-indikazzjonijiet awtorizzati jkunu jinsabu fuq in-naħa ta' wara tal-imballaġġ u f'kundizzjonijiet li fihom ma hemmx dubju, f'għajnejn il-pubbliku, li l-kontenut ta' dawn l-indikazzjonijiet jirrigwarda r-referenza, iżda fejn din tal-aħħar ma tkunx tinkludi marka ta' riferiment ċara, bħal asterisk, għall-indikazzjonijiet li jinsabu fuq in-naħa ta' wara tal-imballaġġ?

2) Għandu jkun hemm provi, fis-sens tal-Artikoli 5(1)(a), u 6(1) tar-Regolament Nru 1924/2006, ukoll f'dak li jikkonċerna r-referenzi għall-benefiċċji ġenerali, mhux speċifiċi, fis-sens tal-Artikolu 10(3) tal-imsemmi regolament?

([1]) Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel (ĠU 2006, L 404, p. 9 u rettifika fil-ĠU 2007, L 12, p. 3).

Appell ippreżentat fis-16 ta' Awwissu 2018 minn České dráhy a.s. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fl-20 ta' Ġunju 2018 fil-Kawża T-325/16, České dráhy vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-538/18 P)

(2018/C 392/14)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Partijiet

Appellanti: České dráhy a.s. (rappreżentanti: K. Muzikář u J. Kindl, advokáti)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Appell ippreżentat kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali mogħtija fl-20 ta' Ġunju 2018 fil-Kawża T-325/16, České dráhy vs Il-Kummissjoni.

Permezz ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali laqgħet parzjalment ir-rikors ippreżentat b'applikazzjoni tal-Artikolu 263 TFUE, li permezz tiegħu České dráhy talbet l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 2417 finali tat-18 ta' April 2016 fil-Każ AT.40156 – Falcon. Il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kkontestata tal-Kummissjoni "sa fejn hija tikkonċerna rotot oħra minbarra r-rotta Praga-Ostrava u aġir ieħor minbarra l-allegata prattika ta' prezzijiet inferjuri għall-ispejjeż ta' produzzjoni". Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għall-bqija. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet ukoll li kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea mogħtija fl-20 ta' Ġunju 2018 fil-Kawża T-325/16, České dráhy vs Il-Kummissjoni, EU:T:2018:368, sa fejn il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors u sa fejn il-Qorti Ġenerali ddeċidiet dwar l-ispejjeż;

— tannulla fl-intier tagħha d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 2417 finali tat-18 ta' April 2016 fil-Każ AT.40156 – Falcon;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż marbuta mal-proċedura fil-Kawża T-325/16 u għall-ispejjeż marbuta ma' din il-proċedura ta' appell.

Aggravji u argumenti prinċipali

1. L-ewwel aggravju bbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali kkonkludiet b'mod żbaljat li d-deċiżjoni kkontesta tal-Kummissjoni hija mmotivata suffiċjentement.

České dráhy ssostni li l-Kummissjoni Ewropea ma mmotivatx id-deċiżjoni kkontestata b'mod suffiċjentement preċiż u ddettaljat, u li hija għaldaqstant ma wettqitx l-obbligi li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat sa fejn hija madankollu annullat – fl-intier tagħha – id-deċiżjoni kkontestata tal-Kummissjoni.

2. It-tieni aggravju bbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li l-Kummissjoni, qabel ma adottat id-deċiżjoni kkontestata, injorat bosta provi li jindikaw li České dráhy ma kinitx aġixxiet illegalment.

České dráhy ssostni li l-Kummissjoni, qabel ma adottat id-deċiżjoni kkontestata, ma eżaminatx il-fatti li juru li l-aġir tagħha ma kienx illegali u tikkritika lill-Kummissjoni talli adottat id-deċiżjoni kkontestata (b'mod kuntrarju għall-prinċipju ta' proporzjonalità) biss abbażi ta' ċerti provi iżolati u mneħħija mill-kuntest tagħhom. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat sa fejn hija madankollu annullat – fl-intier tagħha – id-deċiżjoni kkontestata tal-Kummissjoni.

3. It-tielet aggravju bbażat fuq evalwazzjoni żbaljata mill-Qorti Ġenerali tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE.

L-appellanti ssostni li, abbażi tar-Regolament Nru 1/2003, il-Kummissjoni tista' tinvestiga biss l-aġir li għandu mnejn jikser l-Artikolu 101 u/jew l-Artikolu 102 TFUE. Il-Kummissjoni ordnat spezzjoni fil-bini tal-appellanti għaliex hija ssuspettat ksur tal-Artikolu 102 TFUE. Din id-dispożizzjoni tista' tiġi applikata biss fejn a) l-impriża, jekk ikun il-każ, tkun abbużat minn pożizzjoni dominanti fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu u fejn b) il-prattika allegatment abbużiva jkollha mnejn taffettwa sostanzjalment il-kummerċ bejn l-Istati Membri. L-appellanti hija konvinta li l-Qorti Ġenerali kkonkludiet b'mod żbaljat li l-imsemmija kundizzjonijiet kienu ssodisfatti f'dan il-każ.

4. Ir-raba' aggravju bbażat fuq in-natura żbaljata tad-dispożittiv tal-Qorti Ġenerali rigward l-ispejjeż.

L-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali kellha tilqa' b'mod sħiħ it-talba u għaldaqstant tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' České dráhy.

Appell ippreżentat fis-16 ta' Awwissu 2018 minn České dráhy a.s. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fl-20 ta' Ġunju 2018 fil-Kawża T-621/16, České dráhy vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-539/18 P)

(2018/C 392/15)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Partijiet

Appellanti: České dráhy a.s. (rappreżentanti: K. Muzikář u J. Kindl, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummisjoni Ewropea

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali mogħtija fl-20 ta' Ġunju 2018 fil-Kawża T-621/16, České dráhy vs Il-Kummissjoni.

Permezz ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżentat taħt l-Artikolu 263 TFUE, li permezz tiegħu České dráhy kienet talbet l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 3993 finali, tat-22 ta' Ġunju 2016, fil-każ AT.40401 – Twins. Il-Qorti Ġenerali kkundannat ukoll lil České dráhy għall-ispejjeż tal-kawża.

Talbiet

České dráhy titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-20 ta' Ġunju 2018 fil-Kawża T-621/16 České dráhy vs Il-Kummissjoni, EU:T:2018:367;

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 3993 finali, tat-22 ta' Ġunju 2016, fil-każ AT.40401 – Twins

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż ta' České dráhy relatati mal-proċedura fil-Kawża T-621/16 kif ukoll għall-ispejjeż ta' České dráhy relatati mal-proċedura f'dan l-appell.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħha, České dráhy tressaq erba' aggravji.

1. L-ewwel aggravju, ibbażat fuq il-fatt li sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-appell ippreżentat minn České dráhy fil-Kawża T-325/16, hija għandha wkoll tilqa' dan l-appell.

   Permezz tal-appell tagħha mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fl-20 ta' Ġunju 2018 fil-Kawża T-325/16, České dráhy titlob l-anullament fl-intier tagħha tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tordna spezzjoni fis-sede ta' České dráhy f'April 2016. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ġunju 2016, li tagħha České dráhy titlob l-annullament f'din il-kawża, ġiet adottata fuq il-bażi ta' dokumenti kkonfiskati matul l-ispezzjoni preċedenti. Konsegwentement, sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-appell ippreżentat minn České dráhy fil-Kawża T-325/16 (jiġifieri, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li l-ispezzjoni preċedenti tal-Kummissjoni kienet totalment illegali), hija għandha wkoll tannulla d-deċiżjoni kkontestata tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ġunju 2016.

2. It-tieni aggravju, ibbażat fuq in-nuqqas ta' eżami mill-Qorti Ġenerali dwar jekk id-dokumenti li fuq il-bażi tagħhom hija ordnat it-tieni spezzjoni ġew ikkonfiskati fil-kuntest tal-parti illegali tal-ewwel spezzjoni u taċ-ċirkustanza li ddeċidiet bħallikieku l-ewwel spezzjoni kienet ġiet ordnata f'konformità totali mal-liġi.

   Id-dokumenti li fuq il-bażi tagħhom ġiet ordnata t-tieni spezzjoni ġew ikkonfiskati matul l-ispezzjoni preċedenti (l-ewwel spezzjoni) tal-Kummissjoni fis-sede ta' České dráhy. Permezz tas-sentenza tagħha mogħtija fil-Kawża T-325/16, il-Qorti Ġenerali parzjalment annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tordna l-ewwel spezzjoni, sa fejn din ma kinitx tirrigwarda l-allegata prattika ta' prezzijiet predatorji fuq ir-rotta Praga-Ostrava. České dráhy hija konvinta li d-dokumenti li fuq il-bażi tagħhom il-Kummissjoni ordnat it-tieni spezzjoni ġew ikkonfiskati fil-kuntest tal-parti illegali tal-ewwel spezzjoni (il-Kummissjoni ma kienx ikollha għarfien dwar dawn id-dokumenti li kieku wettqet l-ewwel spezzjoni biss sa fejn legalment permess), b'tali mod din ma setgħetx tintuża bħala bażi biex tiġi ordnata t-tieni spezzjoni. Il-Qorti Ġenerali ma eżaminatx dawn il-kwistjonijiet.

3. It-tielet aggravju, ibbażat fuq evalwazzjoni mill-Qorti Ġenerali, fuq il-bażi ta' kriterju legali żbaljat, tal-kwistjoni dwar jekk l-imsemmija dokumenti, li fuq il-bażi tagħhom il-Kummissjoni ordnat it-tieni spezzjoni, għandhomx relazzjoni ma' allegata prattika ta' prezzijiet predatorji fuq ir-rotta Praga-Ostrava.

   Il-Qorti Ġenerali bbażat lilha nnifisha fuq kriterju legali żbaljat, skont liema prattikament kull dokument li kien jinsab fis-sede ta' České dráhy seta' kellu relazzjoni mal-allegata prattika ta' prezzijiet predatorji tal-imsemmija kumpannija fuq ir-rotta Praga-Ostrava (skont il-kriterju legali inkwistjoni, l-ispezzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward ta' allegata prattika ta' prezzijiet predatorji hija prattikament mingħajr limiti). Fuq il-bażi ta' dan il-kriterju legali żbaljat, il-Qorti Ġenerali waslet għall-konklużjoni li l-Kummissjoni, fil-kuntest tal-ewwel spezzjoni tagħha, kellha d-dritt tiġbor id-dokumenti li fuq il-bażi tagħhom hija sussegwentement ordnat it-tieni spezzjoni.

4. Ir-raba' aggravju, ibbażat fuq in-natura żbaljata tad-dispożittiv tal-Qorti Ġenerali relatat mal-ispejjeż.

   České dráhy issostni li l-Qorti Ġenerali jmissha laqgħet ir-rikors fl-intier tiegħu u li jmissha wkoll ikkundannat lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – Rosneft *et* vs Il-Kunsill

(Kawża T-715/14) ([1])

("Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina — Obbligu ta' motivazzjoni — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Drittijiet tad-difiża u dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Ftehim ta' sħubija u ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Russja — Dritt għall-proprjetà — Ugwaljanza fit-trattament — Proporzjonalità — Użu ħażin ta' poter — Ċertezza legali")

(2018/C 392/16)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: PAO Rosneft Oil Company, li kienet NK Rosneft OAO (Moska, ir-Russja), RN-Shelf-Arctic OOO (Moska), AO RN-Shelf-Far East, li kienet RN-Shelf-Dalniy Vostok ZAO (Yuzhno-Sakhalinsk, ir-Russja), RN-Exploration OOO (Moska), Tagulskoe OOO (Krasnoyarsk, ir-Russja) (rappreżentanti: inizjalment T. Beazley, QC, sussegwentement L. Van den Hende, J. Charles, avukati, M. Schonberg u K. Krissinel, solicitors)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Boelaert u B. Driessen, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenut: Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: inizjalment C. Brodie, sussegwentement V. Kaye, sussegwentement S. Brandon, sussegwentement C. Crane u fl-aħħar nett R. Fadoju, aġenti, assistiti minn C. Banner, barrister), Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Havas, T. Scharf u D. Gauci, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-Artikolu 1(2)(b) sa (d) u (3) u tal-Anness III tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 229, p. 13, rettifika fil-ĠU 2014, L 263, p. 35), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/659/PESK tat-8 ta' Settembru 2014 (ĠU 2014, L 271, p. 54), bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/872/PESK tal-4 ta' Diċembru 2014 (ĠU 2014, L 349, p. 58), bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/971 tat-22 ta' Ġunju 2015 (ĠU 2015, L 157, p. 50), bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2431 tal-21 ta' Diċembru 2015 (ĠU 2015, L 334, p. 22), bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1071 tal-1 ta' Lulju 2016 (ĠU 2016, L 178, p. 21), u bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2315 tad-19 ta' Diċembru 2016 (ĠU 2016, L 345, p. 65), kif ukoll tal-Artikolu 3, tal-Artikolu 3a, tal-Artikolu 4(3) u (4), tal-Anness II, tal-Artikolu 5(2)(b) sa (d) u (3), tal-Anness VI u tal-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 229, p. 1, rettifika fil-ĠU 2014, L 246, p. 59), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 960/2014 tat-8 ta' Settembru 2014 (ĠU 2014, L 271, p. 3), u bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1290/2014 tal-4 ta' Diċembru 2014 (ĠU 2014, L 349, p. 20).

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *PAO Rosneft Oil Company, RN-Shelf-Arctic OOO, AO RN-Shelf-Far East, RN-Exploration OOO u Tagulskoe OOO għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom stess, l-ispejjeż sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.*

3) *Il-Kummissjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.*

([1]) ĠU C 431, 1.12.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – Sberbank of Russia vs Il-Kunsill

(Kawża T-732/14) ([1])

("Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi fir-rigward tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina — Inklużjoni u sussegwentement żamma tal-isem tar-rikorrenti fil-lista ta' entitajiet li fir-rigward tagħhom japplikaw miżuri restrittivi — Żball ta' evalwazzjoni — Obbligu ta' motivazzjoni — Drittijiet tad-difiża — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Dritt għall-proprjetà — Dritt għall-eżerċizzju ta' attività ekonomika")

(2018/C 392/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Sberbank of Russia OAO (Moska, ir-Russja) (rappreżentanti: D. Rose, M. Lester, QC, J.-A. Fearns u P. Crowther, solicitors)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Boelaert u J.-P. Hix, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Gauci, L. Havas u T. Scharf, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, l-ewwel nett, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 229, p. 13, rettifika fil-ĠU 2014, L 263, p. 35), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/659/PESK tat-8 ta' Settembru 2014 (ĠU 2014, L 271, p. 54), bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/971 tat-22 ta' Ġunju 2015 (ĠU 2015, L 157, p. 50), bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2431 tal-21 ta' Diċembru 2015 (ĠU 2015, L 334, p. 22), bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1071 tal-1 ta' Lulju 2016 (ĠU 2016, L 178, p. 21), bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2315 tad-19 ta' Diċembru 2016 (ĠU 2016, L 345, p. 65), u bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1148 tat-28 ta' Ġunju 2017 (ĠU 2017, L 166, p. 35), u, it-tieni nett, tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 229, p. 1, rettifika fil-ĠU 2014, L 246, p. 59), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 960/2014 tat-8 ta' Settembru 2014 (ĠU 2014, L 271, p. 3), sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrenti.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Sberbank of Russia OAO hija kkundannata tħallas, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.*

3) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

(1) ĠU C 16, 19.1.2015.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – VTB Bank vs Il-Kunsill

(Kawża T-734/14) (1)

("Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina — Inklużjoni u sussegwentement żamma ta' isem ir-rikorrenti fil-lista tal-entitajiet li għalihom japplikaw miżuri restrittivi — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Obbligu ta' motivazzjoni — Drittijiet tad-difiża — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Dritt għall-proprjetà — Dritt għall-eżerċizzju ta' attività ekonomika")

(2018/C 392/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: VTB Bank PAO, li kienet VTB Bank OAO (Saint Petersburg, ir-Russja) (rappreżentanti: J. Ruiz Calzado, avukat, C. Claypoole, solicitor u M. Lester, QC)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Hix u S. Boelaert, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Havas, T. Scharf u D. Gauci, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, l-ewwel nett, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 229, p. 13, rettifika fil-ĠU 2014, L 263, p. 35), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/659/PESK tat-8 ta' Settembru 2014 (ĠU 2014, L 271, p. 54), u, it-tieni nett, tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 229, p. 1, rettifika fil-ĠU 2014, L 246, p. 59), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 960/2014 tat-8 ta' Settembru 2014 (ĠU 2014, L 271, p. 3), sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrenti.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *VTB Bank PAO hija kkundannata tħallas, minbarra l-ispejjeż tagħha, l-ispejjeż sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.*

3) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

(1) ĠU C 16, 19.1.2015.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – Gazprom Neft vs Il-Kunsill

(Kawżi T-735/14 u T-799/14) ([1])

("Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina — Inklużjoni u, sussegwentement, żamma ta' isem ir-rikorrenti fil-lista tal-entitajiet li għalihom japplikaw miżuri restrittivi — Obbligu ta' motivazzjoni — Bażi legali — Ftehim ta' sħubija u ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Russja — Dritt għall-proprjetà — Dritt għall-eżerċizzju ta' attività ekonomika — Proporzjonalità")

(2018/C 392/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Gazprom Neft PAO, li kienet Gazprom Neft OAO (Saint Petersburg, ir-Russja) (rappreżentanti: L. Van den Hende, J. Charles, avukati, u S. Cogman, solicitor)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bishop u S. Boelaert, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenut: Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: inizjalment C. Brodie u S. Simmons, sussegwentement C. Brodie u V. Kaye, sussegwentement C. Brodie, C. Crane u S. Brandon, u fl-aħħar nett C. Brodie, R. Fadoju u S. Brandon, aġenti, assistiti minn G. Facenna, QC, u C. Banner, barrister), Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Havas, T. Scharf u D. Gauci, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, l-ewwel nett, tal-Artikolu 1(2)(b) sa (d), (3) u (4), tal-Artikolu 4, tal-Artikolu 4a, tal-Artikolu 7(1)(a) u tal-Anness III tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 229, p. 13, rettifika fil-ĠU 2014, L 263, p. 35), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/659/PESK tat-8 ta' Settembru 2014 (ĠU 2014, L 271, p. 54), u bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/872/PESK tal-4 ta' Diċembru 2014 (ĠU 2014, L 349, p. 58), u, it-tieni nett, tal-Artikolu 3, tal-Artikolu 3a, tal-Artikolu 4(3) u (4), tal-Artikolu 5(2)(b) sa (d), (3) u (4), tal-Artikolu 11(1)(a) u tal-Anness VI tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 229, p. 1, rettifika fil-ĠU 2014, L 246, p. 59), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 960/2014 tat-8 ta' Settembru 2014 (ĠU 2014, L 271, p. 3), u bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1290/2014 tal-4 ta' Diċembru 2014 (ĠU 2014, L 349, p. 20).

Dispożittiv

1) *Il-Kawżi T-735/14 u T-799/14 huma magħquda għall-finijiet tas-sentenza.*

2) *Ir-rikors huwa miċħud.*

3) *Gazprom Neft PAO għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, l-ispejjeż sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.*

4) *Il-Kummissjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.*

([1]) ĠU C 448, 15.12.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – Vnesheconombank vs Il-Kunsill

(Kawża T-737/14) ([1])

("Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina — Inklużjoni ta' isem ir-rikorrenti fil-lista tal-entitajiet li għalihom japplikaw miżuri restrittivi — Obbligu ta' motivazzjoni — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Użu ħażin ta' poter — Dritt għall-proprjetà — Libertà ta' intrapriża — Ugwaljanza fit-trattament")

(2018/C 392/20)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Bank for Development and Foreign Economic Affairs (Vnesheconombank) (Moska, ir-Russja) (rappreżentanti: J. M. Viñals Camallonga, J. L. Iriarte Ángel u L. Barriola Urruticoechea, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment A. de Elera-San Miguel Hurtado u G. Étienne, sussegwentement F. Florindo Gijón, P. Mahnič Bruni u H. Marcos Fraile, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre, D. Gauci u S. Pardo Quintillán, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 229, p. 13, rettifika fil-ĠU 2014, L 263, p. 35), fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/659/PESK tat-8 ta' Settembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512 (ĠU 2014, L 271, p. 54), u tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 229, p. 1, rettifika fil-ĠU 2014, L 246, p. 59), fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 960/2014 tat-8 ta' Settembru 2014 li jemenda r-Regolament Nru 833/2014 (ĠU 2014, L 271, p. 3), sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrenti.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Bank for Development and Foreign Economic Affairs (Vnesheconombank) għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest ta' din l-istanza u matul il-proċeduri għal miżuri provvisorji.*

3) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.*

([1]) ĠU C 7, 12.1.2015.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – PSC Prominvestbank vs Il-Kunsill

(Kawża T-739/14) ([1])

("Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina — Inklużjoni, ta' isem l-entità li minnha r-rikorrenti hija miżmuma, fil-lista tal-entitajiet li għalihom japplikaw miżuri restrittivi — Obbligu ta' motivazzjoni — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Użu ħażin ta' poter — Dritt għall-proprjetà — Libertà ta' intrapriża — Ugwaljanza fit-trattament")

(2018/C 392/21)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: PSC Prominvestbank, Joint-Stock Commercial Industrial & Investment Bank (Kiev, l-Ukraina) (rappreżentanti: J. M. Viñals Camallonga, J. L. Iriarte Ángel u L. Barriola Urruticoechea, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment A. de Elera-San Miguel Hurtado u F. Florindo Gijón, sussegwentement F. Florindo Gijón, P. Mahnič Bruni u H. Marcos Fraile, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre, D. Gauci u S. Pardo Quintillán, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 229, p. 13, rettifika fil-ĠU 2014, L 263, p. 35), fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/659/PESK tat-8 ta' Settembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512 (ĠU 2014, L 271, p. 54), u tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 229, p. 1, rettifika fil-ĠU 2014, L 246, p. 59), fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 960/2014 tat-8 ta' Settembru 2014 li jemenda r-Regolament Nru 833/2014 (ĠU 2014, L 271, p. 3), sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrenti.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *PSC Prominvestbank, Joint-Stock Commercial Industrial & Investment Bank għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.*

3) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.*

([1]) ĠU C 7, 12.1.2015.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – DenizBank vs Il-Kunsill

(Kawża T-798/14) ([1])

("Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi fir-rigward tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina — Inklużjoni tal-isem tal-entità li għandha l-kontroll tar-rikorrenti fil-lista ta' entitajiet li fir-rigward tagħhom japplikaw miżuri restrittivi — Obbligu ta' motivazzjoni — Drittijiet tad-difiża — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija — Drittijiet Fundamentali — Proporzjonalità")

(2018/C 392/22)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: DenizBank A.Ş. (Istanbul, it-Turkija) (rappreżentanti: O. Jones, D. Heaton, barristers, R. Mattick, S. Utku, solicitors, u M. Lester, QC)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn S. Boelaert u A. de Elera-San Miguel Hurtado, sussegwentement minn S. Boelaert u P. Mahnič Bruni, aġenti)

Intervenjent insostenn tal-kovenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Gauci, L. Havas u F. Ronkes Agerbeek, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, l-ewwel nett, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 229, p. 13, rettifika fil-ĠU 2014, L 263, p. 35), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/659/PESK tat-8 ta' Settembru 2014 (ĠU 2014, L 271, p. 54), bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/872/PESK tal-4 ta' Diċembru 2014 (ĠU 2014, L 349, p. 58), bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2431 tal-21 ta' Diċembru 2015 (ĠU 2015, L 334, p. 22), bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1071 tal-1 ta' Lulju 2016 (ĠU 2016, L 178, p. 21), u bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2315 tad-19 ta' Diċembru 2016 (ĠU 2016, L 345, p. 65), u, it-tieni nett, tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 229, p. 1, rettifika fil-ĠU 2014, L 246, p. 59), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 960/2014 tat-8 ta' Settembru 2014 (ĠU 2014, L 271, p. 3), u bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1290/2014 tal-4 ta' Diċembru 2014 (ĠU 2014, L 349, p. 20), sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrenti.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *DenizBank A.Ş. hija kkundannata thallas, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.*

3) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

([1]) ĠU C 89, 16.3.2015.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Settembru 2018 – HH Ferries *et* vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-68/15) [1]

"Għajnuna mill-Istat — Għajnuna favur il-konnessjoni fissa bil-ferrovija u bit-triq tas-Sund — Finanzjament pubbliku mogħti mill-Istat Svediż u mill-Istat Daniż għall-proġett infrastrutturali ta' konnessjoni fissa li tittraversa s-Sund — Garanziji statali — Għajnuna fiskali — Deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet — Deċiżjoni li tikkonstata l-assenza ta' għajnuna mill-Istat — Rikors għal annullament — Att li jista' jiġi kkontestat — Ammissibbiltà — Nuqqas ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali — Diffikultajiet serji — Kunċett ta' skema ta' għajnuna — Għajnuna intiża sabiex tippromwovi t-twettiq ta' proġett kbir ta' interess Ewropew komuni — Evalwazzjoni tal-element tal-għajnuna f'garanzija — Natura limitata tal-għajnuna f'garanzija — Proporzjonalità — Aspettattivi leġittimi"

(2018/C 392/23)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: HH Ferries I/S, li kienet Scandlines Øresund I/S (Elseneur, id-Danimarka), HH Ferries Helsingor ApS (Elseneur), HH Ferries Helsingborg AB, li kienet HH-Ferries Helsingborg AB (Helsingborg, l-Isvezja) (rappreżentanti: M. Johansson, R. Azelius, P. Remnelid u L. Sandberg-Mørch, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: L. Flynn, S. Noë, R. Sauer u L. Armati, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-kovenuta: Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentanti: inizjalment minn C. Thorning, sussegwentement minn J. Nymann-Lindegren, aġenti, assistiti minn R. Holdgaard, avukat), ir-Renju tal-Isvezja (rappreżentanti: inizjalment E. Karlsson, L. Swedenborg, A. Falk, C. Meyer-Seitz, U. Persson u N. Otte Widgren, sussegwentement minn A. Falk, C. Meyer-Seitz, L. Zettergren u H. Shev, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 7358 finali tal-15 ta' Ottubru 2014 li ma tikklassifikax ċerti miżuri bħala għajnuna u li ma tqajjimx oġġezzjonijiet wara l-proċedura ta' investigazzjoni preliminari prevista fl-Artikolu 108(3) TFUE kontra l-għajnuna mill-Istat SA.36558 (2014/NN) u SA.38371 (2014/NN) – Id-Danimarka, u SA.36662 (2014/NN) – L-Isvezja, dwar il-finanzjament pubbliku tal-proġett ta' infrastruttura ta' konnessjoni fissa bil-ferrovija u bit-triq tas-Sund (ĠU 2014, C 418, p. 1 u ĠU 2014, C 437, p. 1).

Dispożittiv

1) *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2014) 7358 finali tal-15 ta' Ottubru 2014 hija annullata sa fejn din iddeċidiet li ma tqajjimx oġġezzjonijiet fir-rigward tal-għajnuna fiskali relatata mad-deprezzament tal-attiv u mat-trasferiment 'il quddiem tat-telf mogħtija lil Øresundsbro Konsortiet mir-Renju tad-Danimarka u tal-garanziji mogħtija lil Øresundsbro Konsortiet mir-Renju tad-Danimarka u r-Renju tal-Isvezja.*

2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

3) *Il-Kummissjoni għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, l-ispejjeż sostnuti minn HH Ferries I/S, HH Ferries Helsingor ApS u HH Ferries Helsingborg AB.*

4) *Ir-Renju tad-Danimarka u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.*

[1] ĠU C 138, 27.4.2015.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – Almaz-Antey vs Il-Kunsill

(Kawża T-515/15) ([1])

("Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina — Żamma ta' isem ir-rikorrenti fuq il-lista tal-entitajiet li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi — Proporzjonalità — Żball ta' evalwazzjoni — Obbligu ta' motivazzjoni — Drittijiet fundamentali")

(2018/C 392/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Joint-Stock Company "Almaz-Antey" Air u Space Defence Corp., li kienet OAO Concern PVO Almaz-Antey (Moska, ir-Russja) (rappreżentanti: A. Haak, C. Stumpf u M. Brüggemann, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Hix u P. Mahnič, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, l-ewwel nett, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/971 tat-22 ta' Ġunju 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2015, L 157, p. 50), it-tieni nett, tal-ittra tal-Kunsill li permezz tagħha din tal-aħħar iddikjarat li r-rikorrenti kellha tibqa' tiġi suġġetta għall-miżuri previsti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 229, p. 13, rettifika fil-ĠU 2014, L 263, p. 35), u mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 229, p. 1, rettifika fil-ĠU 2014, L 246, p. 59), it-tielet nett, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2431 tal-21 ta' Diċembru 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512 (ĠU 2015, L 334, p. 22), u, ir-raba' nett, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1071 tal-1 ta' Lulju 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512 (ĠU 2016, L 178, p. 21), sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrenti.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Joint-Stock Company "Almaz-Antey" Air and Space Defence Corp. hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 371, 9.11.2015.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-627/16) ([1])

("FAEG — Infiq eskluż mill-finanzjament — Infiq magħmul mir-Repubblika Ċeka — Għajnuna diretta ddiżakkoppjata — Stħarriġ b'telerilevament — Settur tal-inbid — Kundizzjonalità — Ripetizzjoni ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità")

(2018/C 392/25)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċekk

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentanti: M. Smolek, J. Pavliš u J. Vláčil, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Triantafyllou, Z. Malůšková u K. Walkerová, aġenti)

Intervenjent, insostenn tar-rikorrenti: Ir-Renju tal-Isvezja (rappreżentanti: F. Bergius, A. Falk, C. Meyer-Seitz u H. Shev, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1059 tal-20 ta' Ġunju 2016 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri fi ħdan il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u fi ħdan il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2016, L 173, p. 59), sa fejn twarrab il-ħlasijiet magħmula mir-Repubblika Ċeka taħt il-FAEG għal ammont ta' EUR 30 206 401,58.

Dispożittiv

1) *Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1059 tal-20 ta' Ġunju 2016 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri fi ħdan il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u fi ħdan il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) hija annullata sa fejn teskludi l-ħlasijiet magħmula mir-Repubblika Ċeka taħt il-FAEG għal ammont ta' EUR 6 356 909,30 għal stħarriġ tal-kundizzjonalità għas-sena finanzjarja 2011.*

2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

3) *Il-Kummissjoni Ewropea, ir-Repubblika Ċeka u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu kull wieħed jew waħda minnhom l-ispejjeż rispettivi tagħhom.*

(1) ĠU C 392, 24.10.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Settembru 2018 – Barroso Truta *et* vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

(Kawża T-702/16 P) (1)

("Appell — Serviz pubbliku — Membri tal-persunal bil-kuntratt — Pensjonijiet — Transferiment lejn l-iskema ta' pensjoni tal-Unjoni ta' drittijiet għal pensjoni miksuba qabel fuq il-bażi tal-iskemi nazzjonali — Dannu li jirriżulta mill-informazzjoni allegatament insuffiċjenti pprovduta lir-rikorrenti mill-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti fit-trażmessjoni ta' proposti ta' akkreditazzjoni tas-snin ta' servizz li jikkonċernawhom — Ċaħda ta-rikors għad-danni fl-ewwel istanza — Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal — Dannu materjali")

(2018/C 392/26)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: José Barroso Truta (Bofferdange, il-Lussemburgu), Marc Forli (Lexy, Franza), Calogero Galante (Aix-sur-Cloie, il-Belġju), Bernard Gradel (Konacker, Franza) (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukat)

Appellata: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Inghelram u Á. Almendros Manzano, aġenti)

Suġġett

Appell ippreżentat kontra s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tielet Awla) tal-20 ta' Lulju 2016, Barroso Truta *et* vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (F-126/15, EU:F:2016:159), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

Dispożittiv

1) *L-appell huwa miċħud.*

2) *Ir-rikorrenti għandhom ibatu kwart tal-ispejjeż tagħhom.*

3) *Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll tliet kwarti tal-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti.*

(1) ĠU C 441, 28.11.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Settembru 2018 – Selimovic vs Il-Parlament

(Kawża T-61/17) (1)

("Dritt istituzzjonali — Parlament Ewropew — Fastidju morali — Deċiżjoni tal-President tal-Parlament li tippronunzja s-sanzjoni ta' ċanfira kontra deputat Ewropew — Artikolu 166 tar-Regoli interni tal-Parlament — Dritt għal amministrazzjoni tajba — Dritt ta' aċċess għall-fajl — Obbligu ta' motivazzjoni — Ċertezza legali — Abbuż ta' poter — Responsabbiltà mhux kuntrattwali")

(2018/C 392/27)

Lingwa tal-kawża: l-Isvediż

Partijiet

Rikorrent: Jasenko Selimovic (Hägersten, l-Isvezja) (rappreżentanti: inizjalment B. Leidhammar, sussegwentement S. Scheiman, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: O. Caisou-Rousseau, L. Tapper Brandberg u E. Taneva, aġenti)

Suġġett

Minn naħa, talba abbażi tal-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-President tal-Parlament tat-22 ta' Novembru 2016 u tad-deċiżjoni tal-uffiċċju tal-Parlament tat-12 ta' Diċembru 2016 li timponi fuq ir-rikorrent is-sanzjoni ta' ċanfira u, min-naħa l-oħra, talba abbażi tal-Artikolu 268 TFUE u intiża għal kumpens għad-dannu li allegatament sofra r-rikorrent.

Dispożittiv

1) *It-talba għal proċedura mħaffa hija miċħuda bħala manifestament inammissibbli.*

2) *Ir-rikors huwa miċħud.*

3) *Jasenko Selimovic huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 121, 18.4.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Settembru 2018 – RS vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-73/17) ([1])

("Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Reklutaġġ — Kompetizzjoni interna — Tfassil ta' lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' assistenti — Kundizzjoni għall-ammissjoni relatata mar-rekwiżit ta' attività mingħajr interruzzjoni matul it-tnax-il xahar qabel l-għeluq tat-terminu għall-preżentata tal-kandidaturi — Leave għal raġunijiet personali — Nuqqas ta' ammissjoni għal parteċipazzjoni fl-eżamijiet ta' kompetizzjoni")

(2018/C 392/28)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: RS (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Berscheid u L. Radu Bouyon, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni interna COM/02/AST/16 (AST 2) dwar iċ-ċaħda tal-kandidatura tar-rikorrent, u, min-naħa l-oħra, il-kumpens għad-dannu li huwa allegatament issubixxa.

Dispożittiv

1) *Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni interna COM/02/AST/16 (AST 2) dwar iċ-ċaħda tal-kandidatura ta' RS hija annullata.*

2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

3) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 112, 10.4.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Settembru 2018 – Schoonjans vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-79/17) ([1])

("Servizz pubbliku — Membri tal-persunal bil-kuntratt — Reklutaġġ — Kompetizzjoni interna — Tfassil ta' lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' assistenti — Kundizzjoni għall-ammissjoni relatata mal-grupp ta' funzjonijiet li fih il-kandidat huwa kklassifikat fil-jum tal-għeluq tat-terminu għall-preżentata ta' kandidaturi — Nuqqas ta' ammissjoni għal parteċipazzjoni fl-eżamijiet ta' kompetizzjoni")

(2018/C 392/29)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Alain Schoonjans (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Berscheid u L. Radu Bouyon, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni interna COM/02/AST/16 (AST 2) dwar iċ-ċaħda tal-kandidatura tar-rikorrent, u, min-naħa l-oħra, il-kumpens għad-dannu li huwa allegatament issubixxa.

Dispożittiv

1) *Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni interna COM/02/AST/16 (AST 2) dwar iċ-ċaħda tal-kandidatura ta' Alain Schoonjans hija annullata.*

2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

3) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 112, 10.4.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Settembru 2018 – Duferco Long Products vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-93/17) ([1])

("Għajnuna mill-Istat — Settur tal-azzar — Għajnuna mogħtija mill-Belġju lil diversi impriżi tas-settur tal-azzar — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħha — Obbligu ta' motivazzjoni — Kunċett ta' għajnuna mill-Istat — Vantaġġ — Kriterju tal-investitur privat")

(2018/C 392/30)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Duferco Long Products SA (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: J.-F. Bellis, R. Luff u M. Favart, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: É. Gippini Fournier, V. Bottka u G. Luengo, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2041 tal-20 ta' Jannar 2016 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.33926 2013/C (ex 2013/NN, 2011/CP) mogħtija mill-Belġju lil Duferco (ĠU 2016, L 314, p. 22).

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Duferco Long Products SA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 121, 18.4.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – ACTC vs EUIPO – Taiga (tigha)

(Kawża T-94/17) ([1])

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark verbali Ewropea tigha — Trade mark verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea TAIGA — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001] — Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 47(2) u (3) tar-Regolament Nru 2017/1001] — Prova tal-użu ġenwin tat-trade mark preċedenti")

(2018/C 392/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: ACTC GmbH (Erkrath, il-Ġermanja) (rappreżentanti: V. Hoene, D. Eickemeier u S. Gantenbrink, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Kusturovic, D. Walicka u J. Ivanauskas, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Taiga AB (Varberg, l-Isvezja) (rappreżentanti: C. Eckhartt u K. Thanbichler-Brandl, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Rabà Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Diċembru 2016 (każ R 693/2015-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Taiga u ACTC.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *ACTC GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 112, 10.4.2017

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – Apple vs EUIPO – Apo International (apo)

(Kawża T-104/17) ([1])

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea apo — Trade marks figurattivi preċedenti tal-Unjoni Ewropea li jirrappreżentaw tuffieħa u trade marks verbali preċedenti APPLE — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) u Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li saru l-Artikolu 8(1)(b) u l-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001)")

(2018/C 392/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Apple Inc. (Cupertino, California, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: J. Olsen, P. Andreottola, solicitors u G. Tritton, barrister)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Ivanauskas u D. Walicka, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Apo International Co. Ltd (Tajpei, it-Tajwan)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-1 ta' Diċembru 2016 (Każ R 698/2016-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Apple u Apo International.

Dispożittiv

1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-1 ta' Diċembru 2016 (Każ R 698/2016-4) hija annullata.*

2) *L-EUIPO huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 129, 24.4.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – Leifheit vs EUIPO (Pożizzjoni ta' erba' kwadri ħodor fuq miżien)

(Kawża T-184/17) (1)

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea li tikkonsisti f'erba' kwadri ħodor fuq miżien — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)")

(2018/C 392/33)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Leifheit AG (Nassau, il-Ġermanja) (rappreżentanti: G. Hasselblatt, V. Töbelmann u P. Schneider, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment V. Mensing u A. Schifko, sussegwentement V. Mensing u D. Hanf, aġenti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Jannar 2017 (Każ R 1115/2016-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal li jikkonsisti f'erba' kwadri ħodor fuq miżien bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Leifheit AG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 161, 22.5.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2018 – Eduard Meier vs EUIPO – Calzaturificio Elisabet (Safari Club)

(Kawża T-418/17) ([1])

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Safari Club — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti WS Walk Safari — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001)")

(2018/C 392/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Eduard Meier GmbH (Munich, il-Ġermanja) (rappreżentanti: S. Schicker u M. Knitter, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: J. Ivanauskas, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Calzaturificio Elisabet Srl (Monte Urano, l-Italja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-2 ta' Mejju 2017 (Każ R 1158/2016-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Calzaturificio Elisabet u Eduard Meier.

Dispożittiv

1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-2 ta' Mejju 2017 (Każ R 1158/2016-4) hija annullata sa fejn laqgħet l-oppożizzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Safari Club għall-prodotti "boroż fejn tinżamm il-qabda mill-kaċċa" u "ħwejjeġ għall-kaċċa, ħwejjeġ u żraben tal-kaċċa".*

2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

3) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.*

([1]) ĠU C 277, 21.8.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Settembru 2018 – Eddy's Snack Company vs EUIPO – Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli (Eddy's Snackcompany)

(Kawża T-652/17) ([1])

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali Eddy's Snackcompany — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti TEDDY — Raġuni relattiva għal rifjut — Prinċipju ne ultra petita — Artikolu 76(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 95(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament 2017/1001)")

(2018/C 392/35)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Eddy's Snack Company GmbH (Lügde, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Decker, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: M. Fischer, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli AG (Kilchberg, l-Isvizzera)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-11 ta' Lulju 2017 (Każ R 1999/2016-4) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli u Eddy's Snack Company.

Dispożittiv

1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-11 ta' Lulju 2017 (Każ R 1999/2016-4) hija annullata.*

2) *L-EUIPO għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess kif ukoll dawk sostnuti minn Eddy's Snack Company GmbH matul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.*

(1) ĠU C 382, 13.11.2017.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Mejju 2018 – PJ vs EUIPO – Erdmann & Rossi (Erdmann & Rossi)

(Kawża T-664/16) (1)

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Rappreżentazzjoni minn avukat li ma għandux il-kwalità ta' terz indipendenti mir-rikorrent — Sostituzzjoni ta' parti fil-kawża — Trasferiment tad-drittijiet tal-applikant għal trade mark tal-Unjoni Ewropea — Rappreżentazzjoni minn avukat li ma għandux il-kwalità ta' terz indipendenti mill-applikant fis-sostituzzjoni ta' parti — Inammissibbiltà")

(2018/C 392/36)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: PJ (rappreżentant: S. avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment S. Hanne, sussegwentement A. Söder, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Erdmann & Rossi GmbH (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Kunz-Hallstein u R. Kunz-Hallstein, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-18 ta' Lulju 2016 (Każ R 1670/2015-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Erdmann & Rossi u PJ

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

2) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talba għal sostituzzjoni.*

3) *PJ huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

4) *[Y]-GmbH, u kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha relatati mat-talba għal sostituzzjoni.*

(1) ĠU C 70, 6.3.2017.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Lulju 2018 – Izba Gospodarcza Producentów i Operatorów Urządzeń Rozrywkowych vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-750/17) (1)

("Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Talba ta' aċċess għal osservazzjonijiet tal-Kummissjoni u għal opinjoni ddettaljata ta' Stat Membru fil-kuntest ta' proċedura ta' notifika skont id-Direttiva (UE) 2015/1535 — Rifjut ta' aċċess — Żvelar wara l-preżentata tar-rikors — Tmiem tas-suġġett tat-tilwima — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")

(2018/C 392/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Izba Gospodarcza Producentów i Operatorów Urządzeń Rozrywkowych (Varsavja, il-Polonja) (rappreżentant: P. Hoffman, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Ehrbar u M. Konstantinidis, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2017) 6020 finali tad-29 ta' Awwissu 2017 li tiċħad t-talba konfermattiva tar-rikorrenti intiża għall-ksib tal-aċċess għall-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni u għall-opinjoni ddettaljata tar-Repubblika ta' Malta fil-kuntest tal-proċedura ta' notifika 2016/398/PL, b'applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU 2015, L 241, p. 1).

Dispożittiv

1) *Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.*

2) *Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talba għal intervent tar-Repubblika tal-Polonja.*

3) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.*

4) *Ir-Repubblika tal-Polonja għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha marbuta mat-talba għal intervent.*

(1) ĠU C 22, 22.1.2018.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Lulju 2018 – SFIE-PE vs Il-Parlament

(Kawża T-401/18 R)

("Proċeduri għal miżuri provviżorji — Dritt istituzzjonali — Strajk tal-interpreti — Miżuri adottati mill-Parlament Ewropew li jordnaw lill-interpreti bi strajk jipprovdu servizzi minimi — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Talba għal miżuri provviżorji — Inammissibbiltà parzjali — Ibbilanċjar tal-interessi")

(2018/C 392/38)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Syndicat des fonctionnaires internationaux et européens – Section du Parlement européen (SFIE-PE) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: L. Levi, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża, minn naħa, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew tat-2 u tat-3 ta' Lulju 2018 li jirrikjedu lill-interpreti bi strajk jipprodvu servizzi minimi, kif ukoll ta' deċiżjonijiet futuri li permezz tagħhom interpreti bi strajk jiġu rikjesti jipprovdu servizzi minimi fil-5, fl-10 u fil-11 ta' Lulju 2018 u, min-naħa l-oħra, sabiex il-Parlament jiġi ordnat jillimita fil-futur li jordna lill-interpreti bi strajk jipprovdu servizzi minimi.

Dispożittiv

1) *It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.*

2) *L-ispejjeż huma riżervati.*

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Lulju 2018 – Aquino *et al* vs Il-Parlament

(Kawża T-402/18 R)

("Proċeduri għal miżuri provviżorji — Dritt istituzzjonali — Strajk tal-interpreti — Miżuri ta' rekwiżizzjoni tal-interpreti adottati mill-Parlament Ewropew — Talba għal sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Talba għal miżuri provviżorji — Inammissibbiltà parzjali — Ibbilanċjar tal-interessi")

(2018/C 392/39)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Roberto Aquino (Brussell, il-Belġju) u t-30 rikorrent l-ieħor li l-ismijiet tagħhom jinsabu fl-annessi tad-digriet (rappreżentant: L. Levi, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża, minn naħa, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew tat-2 u t-3 ta' Lulju 2018 li dwar ir-rekwiżizzjoni tal-interpreti kif ukoll tad-deċiżjonijiet futuri dwar ir-rekwiżizzjoni tal-interpreti għall-5, l-10 u l-11 ta' Lulju 2018 u, min-naħa l-oħra, sabiex titlob lill-Parlament li jillimita fil-ġejjieni r-rekwiżizzjonijiet tal-interpreti.

Dispożittiv

1) *It-talba għal miżuri provvisorji hija miċħuda.*

2) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

Rikors ippreżentat fl-24 ta' Awwissu 2018 – Franza vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-507/18)

(2018/C 392/40)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: F. Alabrune, D. Colas, A.-L. Desjonquères, S. Horrenberger u A. Alidière, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla parzjalment id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/873 tat-13 ta' Ġunju 2018 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea nefqa partikolari li ġarrbu l-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (il-FAEG) u fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (il-FAEŻR) sa fejn tapplika korrezzjoni b'rata fissa ta' 5 %, ekwivalenti għal EUR 1 945 435,39, fir-rigward ta' "Għajnuna Diretta Oħra – POSEI", minħabba "Kontabilità mhux preċiża għal ċerti konsenji tal-banana", għas-snin finanzjarji 2013, 2014, 2015 u 2016;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motiv wieħed, ibbażat fuq żball ta' liġi allegatament imwettaq mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' clearance għall-konformità fir-rigward tal-għajnuna fis-settur tal-banana, peress li hija adottat interpretazzjoni żbaljata tal-kunċett ta' "kummerċjalizzazzjoni" ta' banana ħadra eliġibbli għall-għajnuna tal-programm ta' għażliet speċifiċi għad-distanza u għall-insularità (POSEI) applikabbli għall-Guadeloupe u għall-Martinique.

Fil-fatt, l-ewwel nett, ir-rikorrenti tikkunsidra li l-Kummissjoni adottat interpretazzjoni ta' dan il-kunċett li tikser il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1333/2011 tad-19 ta' Diċembru 2011 li jistabbilixxi l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għall-banana, regoli dwar il-verifika tal-konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni u r-rekwiżiti għan-notifikazzjonijiet fis-settur tal-banana (ĠU 2011, L 336, p. 23).

It-tieni nett, hija tinvoka l-interpretazzjoni ta' dan il-kunċett adottat mill-Kummissjoni li tirriżulta minn applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 76 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU 2013, L 347, p. 671 u rettifiki fil-ĠU 2014, L 189, p. 261 u fil-ĠU 2016, L 130, p. 8).

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Awwissu 2018 – BGC Partners vs EUIPO – Bankgirocentralen BGC (BGC PARTNERS)

(Kawża T-520/18)

(2018/C 392/41)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: BGC Partners LP (New York, New York, l-Istati Uniti) (irrappreżentata minn: P. Walsh, lawyer)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Bankgirocentralen BGC AB (Stokkolma, l-Iżvezja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea BGC PARTNERS – applikazzoni għal reġistrazzjoni Nru 3 808 185

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' annullament

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Ġunju 2018 fil-Każ R 2185/2014-5

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata safejn il-Bord tal-Appell iddeċieda li r-reġistrazzjoni għandha tiġi ddikjarata invalida minħabba "kwistjonijiet finanzjarji; kwistjonijiet monetarji; servizzi bankarji; servizzi finanzjarji; approvazzjoni finanzjarja" fil-klassi 36;

— tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjenti għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti fil-kawża odjerna;

— tbiddel id-deċiżjoni kkontestata inkonnessjoni mat-tqassim tal-ispejjeż u, skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, tikkundanna lill-intervenjenti mingħajr suċċess għall-ispejjeż sostnuti fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell u dawk fil-proċedimenti ta' oppożizzjoni.

Motivi invokati

— Il-Bord tal-Appell ddeċieda b'mod żbaljat li l-prova tal-użu kienet suffiċjenti sabiex jintwera użu ġenwin tat-trade mark;

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Awwissu 2018 – BGC Partners v EUIPO – Bankgirocentralen BGC (BGC BROKERAGE)

(Kawża T-521/18)

(2018/C 392/42)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: BGC Partners LP (New York, New York, l-Istati Uniti) (irrappreżentata minn: P. Walsh, lawyer)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Bankgirocentralen BGC AB (Stokkolma, l-Iżvezja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea BGC BROKERAGE – applikazzoni għal reġistrazzjoni Nru 3 812 195

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' annullament

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Ġunju 2018 fil-Każ R 2186/2014-5

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata safejn il-Bord tal-Appell iddeċieda li r-reġistrazzjoni għandha tiġi ddikjarata invalida minħabba "kwistjonijiet finanzjarji; kwistjonijiet monetarji; servizzi bankarji; servizzi finanzjarji; approvazzjoni finanzjarja" fil-klassi 36;

— tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjenti għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti fil-kawża odjerna;

— tbiddel id-deċiżjoni kkontestata inkonnessjoni mat-tqassim tal-ispejjeż u, skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, tikkundanna lill-intervenjenti mingħajr suċċess għall-ispejjeż sostnuti fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell u dawk fil-proċedimenti ta' oppożizzjoni.

Motivi invokati

— Il-Bord tal-Appell ddeċieda b'mod żbaljat li l-prova tal-użu kienet suffiċjenti sabiex jintwera użu ġenwin tat-trade mark;

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Awwissu 2018 – BGC Partners vs EUIPO – Bankgirocentralen BGC (AUREL BGC)

(Kawża T-522/18)

(2018/C 392/43)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: BGC Partners LP (New York, New York, l-Istati Uniti) (irrappreżentata minn: P. Walsh, lawyer)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Bankgirocentralen BGC AB (Stokkolma, l-Iżvezja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea AUREL BGC – applikazzoni għal reġistrazzjoni Nru 11 092 707

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Ġunju 2018 fil-Każ R 2194/2014-5

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata safejn il-Bord tal-Appell iddeċieda li l-applikazzjoni għandha tiġi miċħuda għas-servizzi speċifiċi fil-klassijiet 35 u 36;

— tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjenti għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti fil-kawża odjerna;

— tbiddel id-deċiżjoni kkontestata inkonnessjoni mat-tqassim tal-ispejjeż u, skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, tikkundanna lill-intervenjenti mingħajr suċċess għall-ispejjeż sostnuti fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell u dawk fil-proċedimenti ta' oppożizzjoni.

Motivi invokati

— Il-Bord tal-Appell ddeċieda b'mod żbaljat li l-prova tal-użu kienet suffiċjenti sabiex jintwera użu ġenwin tat-trade mark;

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-3 ta Settembru 2018 – BGC Partners vs EUIPO – Bankgirocentralen BGC (BGCPRO)

(Kawża T-523/18)

(2018/C 392/44)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: BGC Partners LP (New York, New York, l-Istati Uniti) (irrappreżentata minn: P. Walsh, lawyer)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Bankgirocentralen BGC AB (Stokkolma, l-Iżvezja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea BGCPRO – applikazzoni għal reġistrazzjoni Nru 9 573 965

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Ġunju 2018 fil-Każ R 2544/2014-5

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata safejn il-Bord tal-Appell iddeċieda li l-applikazzjoni għandha tiġi miċħuda għas-servizzi speċifiċi fil-klassi 36;

— tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjenti għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti fil-kawża odjerna;

— tbiddel id-deċiżjoni kkontestata inkonnessjoni mat-tqassim tal-ispejjeż u, skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, tikkundanna lill-intervenjenti mingħajr suċċess għall-ispejjeż sostnuti fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell u dawk fil-proċedimenti ta' oppożizzjoni.

Motivi invokati

— Il-Bord tal-Appell ddeċieda b'mod żbaljat li l-prova tal-użu kienet suffiċjenti sabiex jintwera użu ġenwin tat-trade mark;

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fl-10 ta' Settembru 2018 – Aroma Essence vs EUIPO – Refan Bulgaria (Sponoż tal-Ħasil)

(Kawża T-532/18)

(2018/C 392/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Aroma Essence Ltd (Kazanlak, il-Bulgarija) (rappreżentant: A. Nastev, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Refan Bulgaria OOD (Trud, il-Bulgarija)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprjetarju tad-disinn kontenzjuż: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Disinn kontenzjuż ikkonċernat: id-disinn tal-Unjoni Ewropea Nru 1333223-0001

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta' Lulju 2018 fil-Każ R 1197/2017-3

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata jew temendaha billi tiċħad l-appell ta' Refan Bulgaria OOD mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-EUIPO tal-10 ta' April 2017;

— tordna lill-EUIPO u lil Refan Bulgaria OOD iħallsu l-ispejjeż tagħhom stess kif ukoll dawk sostnuti minn Aroma Essence Ltd fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali u l-proċedimenti quddiem it-Tielet Bord tal-Appell.

Motivi invokati

— Ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba;

— Ksur tal-Artikoli 53(1)(2) u 60(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 flimkien mal-punti (i), (v) u (vi) tal-Artikolu 28(1)(b), l-Artikolu 30(1) u l-Artikolu 36(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2245/2002;

— Ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, ugwaljanza fit-trattament u amministrazzjoni tajba;

— Ksur tal-Artikolu 59, l-Artikolu 60(1), il-punti (b) u (c) tal-Artikolu 65(1) u l-Artikolu 75 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002, u tal-Artikolu 36(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2245/2002.

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Settembru 2018 – Peek & Cloppenburg vs EUIPO – Peek & Cloppenburg (Peek)

(Kawża T-534/18)

(2018/C 392/46)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Peek & Cloppenburg KG, Düsseldorf (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentant: P. Lange, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Peek & Cloppenburg KG, Hamburg (Hamburg, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni "Peek" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 1 915 438

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-31 ta' Mejju 2018 fil-Każ R 115/2005-1

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

— Ksur tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill moqri flimkien mal-Artikolu 15(2) tal-Markengesetz (il-Liġi dwar it-trade marks, iktar 'il quddiem il-"MarkenG");

— Ksur tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill moqri flimkien mal-Artikolu 15(2) tal-MarkenG minħabba preżunzjoni ta' probabbiltà ta' konfużjoni;

— Ksur tal-Artikolu 63 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 moqri flimkien mar-Regola 20(7)(c) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95.

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Settembru 2018 – Peek & Cloppenburg vs EUIPO – Peek & Cloppenburg (Peek's)

(Kawża T-535/18)

(2018/C 392/47)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Peek & Cloppenburg KG, Düsseldorf (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentant: P. Lange, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Peek & Cloppenburg KG, Hamburg (Hamburg, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni "Peek's" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 3 263 589

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-31 ta' Mejju 2018 fil-Każ R 60/2007-1

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

— Ksur tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill moqri flimkien mal-Artikolu 15(2) tal-Markengesetz (il-Liġi dwar it-Trade Marks, iktar 'il quddiem il-"MarkenG");

— Ksur tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill moqri flimkien mal-Artikolu 15(2) tal-MarkenG minħabba preżunzjoni ta' probabbiltà ta' konfużjoni;

— Ksur tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill moqri flimkien mal-Artikolu 15(3) tal-MarkenG minħabba preżunzjoni ta' vantaġġ inġust mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni;

— Ksur tal-Artikolu 63 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 moqri flimkien mar-Regola 20(7)(c) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT